MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-5 ta' Frar, 2015

Numru 1/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs.**

**Ahmed Aqeil**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Ahmed Aqeil**, ta′ sebgha u ghoxrin (27) sena, iben Ahmed M. u Aisha, imwieled gewwa Libya nhar is-6 ta′ Ottubru 1987 u residenti gewwa Coventry Block A, Flat 4, Triq Dr. Guzè Miceli, Gzira u detentur tal-Passaport Libyan bin-Numru 361965 akkuzat talli fit-2 ta′ Frar 2015 u fil-granet ta′ qabel gewwa dawn il-Gzejjer f′Malta:

1. ta fastidju li Abir Djebali meta kien jaf jew imissu kien taf li, b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor fastidju u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna biza' li ser tintuza vjolenza kontra Abir Djebali, meta kien jaf jew imissu kien jaf li, b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza' u dan bi ksur tal-Artikolu 251(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Abir Djebali u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadan, jew bil-hsieb li jgieghel lil Abir Djebali jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra tieghu/taghha, jew biex immalafama lil Abir Djebali, jew xi persuni ohra jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal Artikolu 49(a)(b)(c) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Abir Djebali (I.D. Nru. 148479(M)) flimkien mal-piena, u torbot lil hati b'obbligazzjoni taht penali ta' somma ta'

flus li tigi ffissata mill-Qorti u dan a tenur tal-Arikoli 383 u 412(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jobbliga ruhu li bl-ebda mod ma jkellem, jimmolesta jew idejjaq lill-parti leza.

Semghet dak li kellu xi jghid l-Ufficjal Prosekutur in segwitu ta' dak li obbliga ruhu l-imputat.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, l-obbligazzjoni li ghamel l-imputat fir-rigward tal-parti leza, il-fedina penali (Dok. "JS 1") tieghu (li hija wahda kompletament nadifa), u kif ukoll dak li l-Prosekuzzjoni u d-difiza ssugerew fir-rigward tas-sentenza idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 251A, 251B, 338(dd), 338(ee), u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Ahmed Aqeil hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba

fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti, tramite l-interpretu nkarigat minnha, twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

*In oltre,* wara li l-Qorti rat l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li jinhareg Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Abir Djebali u dana skont il-kondizzjonijiet indikati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------